MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Numru. 362/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**SANDRO SCHEMBRI ADAMI, iben Franz u Yvonne nee' Brincat, imwieled Attard nhar il-25.08.1963, residenti fil-fond numru 15, Flat 17, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 488863M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **SANDRO SCHEMBRI ADAMI** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta' Marzu, 2006, u f'dati precedenti, bil-Belt Valletta, u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, fil-

kapacita' tieghu ta' nutar, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda fil-konfront tal-persuni msemmija hawn taht, ghamel uzu hazin, jew seraq flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, li kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ikkommetta tali reati, fil-waqt illi kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir illi jimpedixxi;

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm251 bi hsara ta' Monika Muscat u/jew tal-Gvern ta' Malta;

5. U aktar talli taht l-istess cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' Lm251 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necesasrju, ghad-detriment ta' Monika Muscat u/jew tal-Gvern ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm1,100 bi

hsara ta’ Charles Schembri, Joseph Schembri u/jew il-Gvern ta’ Malta;

7. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ Lm1,100 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Charles Schembri, Joseph Schembri, u/jew il-Gvern ta’ Malta;

8. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismiijet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm530 bi hsara ta’ Madeline Dimech, Carmela Abela, Raymond Abela u/jew il-Gvern ta’ Malta;

9. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, approrpja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ Lm530 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Madeline Dimech, Carmela Abela, Raymond Abela u/jew il-Gvern ta’ Malta;

10. U aktar talli taht l-istess cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm510 bi hsara ta’ Carmelo Tonna, Anna Tonna, u/jew il-Gvern ta’ Malta;

11. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ Lm510 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib

l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Carmelo Tonna, Anna Tonna, u/jew il-Gvern ta’ Malta;

12. U aktar talli taht l-istess cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm730 bi hsara ta’ Henry Cassar, u/jew il-Gvern ta’ Malta;

13. U aktar talli taht l-istess cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ Lm730 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Henry Cassar, u/jew il-Gvern ta’ Malta;

14. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismiijet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm2,400 bi hsara ta’ Helen Bonello, u/jew il-Gvern ta’ Malta;

15. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ Lm2,400 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Helen Bonello, u/jew il-Gvern ta’ Malta;

16. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera

haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm1,680 bi hsara ta' Mary Zerafa Frendo, Maria Muscat, u/jew il-Gvern ta' Malta;

17. U aktar talli fl-istess cirkstanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' Lm1680 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta' Mary Zerafa Frendo, Maria Muscat, u/jew il-Gvern ta' Malta.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. L-Artikoli 127, 138, 141, u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. L-Artikoli 293, 294, 310(1)(c) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. L-Artikoli 293, 294, 310(1)(b) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. L-Artikoli 308, 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. L-Artikoli 308, 310(1)(b) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. L-Artikolu 17, 18, 23, 23A(2), 31, 141 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 420)

Rat ukoll illi l-imputat (a folio 422) ammetta dawk l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat illi moghti zmien biex jahseb fuq l-istess ammissjoni, huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat ukoll ir-rikors prezentat mid-Difiza biex tintlaqa' l-eccezzjoni tan-ne bis in idem;
Rat anke r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li oggezzjona ghall-istess - oggezzjoni li taghmel taghha l-istess Qorti, u ghalhekk qed tichad;
Rat illi d-Difiza anke talbet li dawn l-akkuzi flimkien ma' kumpilazzjoni ohra migjuba kontra l-imputat, (tnejn) jigu kollha amalgamati u ghalihom japplika l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi darba li l-Prosekuzzjoni ghazlet illi taddebita l-akkuzi separati u addebitat l-Artikolu 18 gia' moghti biss f'dawn l-akkuzi, mhux marbuta ma' akkuzi ohra. Ghalhekk l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ghandu jkun biss marbut ma' dawn l-akkuzi.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini ta':

- L-Artikoli 127, 138, 141, u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 293, 294, 310(1)(c) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 293, 294, 310(1)(b) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 308, 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 308, 310(1)(b) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 17, 18, 23, 23A(2), 31, 141 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundanna lil Sandro Schembri Adami ghal piena karcerarja effettiva ta' 3 snin u nofs;
Tinfliggi fuqu interdizzjoni perpetwa u generali, u dan ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------